# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 227ii – It-Tnejn, 8 ta' Novembru, 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fil-5:30 p.m.

Is-Sindku il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

### PREŻENTI
Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera is-Sinjura Rita Psaila
Il-Kunsillier is-Sur Joseph Sammut
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo
Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1. TOROQ TAL-P.P.P.
Is-Sindku ippropona li l-lista tat-toroq biex jiġu applikati għall-iskema tal-P.P.P. għandha taqra kif ġej:

i. Triq Nikola Saura
ii. Parti ta' fuq ta' Triq Lorenzo Gafà
iii. Sqaq nru 3, Triq San Ġakbu
iv. Sqaq nru 1, Triq San Ġwann
v. Sqaq nru 2, Triq San Ġwann
vi. Sqaq nru 1, Triq il-Mitħna
vii. Sqaq nru 2, Triq il-Mitħna

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2. HWEJJEĠ OHRA

## 2.1 Talba għall-ġbir ta' fondi

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva talba mis-sur Tonio Bonello biex matul il-jiem tal-Milied il-Kunsill jorganizza attività ta' ġbir ta' fondi b'riżq id-Dar tal-Providenza, kif ukoll kien reġa' irċieva talba mill-ġdid għal attività ta' ġbir ta' fondi.

Il-Viċi-Sindku ippropona li fl-attività tal-Villaġġ tal-Milied isir *fund raising* għad-Dar tal-Providenza. 'Il quddiem tista' ssir attività b'riżq il-*Community Chest Fund.*

Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2.2 Tfigħ ta' Skart

Il-Kunsillier Joseph Sammut qal li ħdejn il-kamra tal-ilma fi Triq iż-Żiri qed kontinwament jintefa' l-iskart u ippropona li ssir sorveljanza mill-Wardens għal sagħtejn fduq bażi ta' tliet ijiem.

Il-Viċi-Sindku qal li każ simili qed iseħħ fit-toroq li jieħdu lejn il-kmamar tan-nar fi Triq ta' Kandja, u ippropona li barra li dawn it-toroq jitnaddfu, issir ukoll sorveljanza mill-wardens. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2.3 Ħajt imġarraf fil-bitħa tal-Kunsill

Il-Viċi-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-periti kienu indunaw li l-ħajt li hemm wara l-funtana huwa mġarraf u hemm il-periklu li jaqa' u għalhekk hemm il-ħtieġa immedjata li jissewwa. Is-Sindku qal li qabel nitolbu stima tax-xogħol, għandna ninfurmaw lit-terzi persuni. Il-Viċi-Sindku qal li se jagħmel dan fil-jiem li ġejjin.

# GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci iddikjara din is-seduta magħluqa fis-6:30pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **nhar il-Ħamis, 2 ta' Diċembru fis-6:00pm.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

| | |
|---|---|
| **Il-Perit Robert Musumeci** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum il-Ħamis 2 ta' Diċembru 2010**